

# Magħqudin b'Ċittadinanza Waħda? Iċ-Ċittadinanza Queer fin-Narrattiva Maltija

Romario Sciberras

Għal dan l-intervent qasir, ġejt ispirat minn ktieb ta' Zalfa Feghali, li jismu *Crossing Borders and* Queering Citizenship, u li mbagħad bdejt inpoġġih fi djalogu ma' ġabra ta' novelli ta' Immanuel Mifsud, *L-Aqwa Żmien*. Il-ktieb ta' Feghali huwa relevanti għalina lkoll li qegħdin hawnhekk għaliex naqraw, u ngħaqadna flimkien biex niddiskutu n-niggieża fin-narrattiva. Aħna li naqraw b'impenn, infittxu li nwettqu xi ħaġa bil-qari. Fil-minuti li ġejjin, fil-fatt, aħna lkoll se nipparteċipaw f'qari b'impenn politiku kif tixtieqna nagħmlu Feghali, li targumenta li l-qari huwa spazju fejn nistgħu nipproblematizzaw in-nozzjoni taċ-ċittadinanza, jew inżarmawha, ngħerrquha fid-dubju, inxaqqulha l-pedamenti tagħha – jew, jekk nista' noħloq verb issa – nikkwirjawha. Meta ma nibqgħux nieħdu xi ħaġa bħala fatt naturali – bħala xi ħaġa ovvja, għax ilha l-istess għal ħafna snin – inkunu qegħdin nikkwirjawha, jiġifieri niddubitaw minnha u nagħrfuha bħala kostruzzjoni. Hekk se nagħmlu biċ-ċittadinanza Maltija llum, hawnhekk flimkien. L-osservazzjonijiet li se naqsam magħkom illum huma preliminari ħafna, u nixtieq inkompli nfannadhom fil-futur.



Nistedinkom tirriflettu ftit fuq dawn is-siltiet li se naqra minn *L-Aqwa Żmien*:

### L-ewwel silta:

Dan l-aħħar oħti nbidlet. Ma nagħtihiex tort, l-aktar wara li tisma' lil missieri:

Kieku jien nikkmanda, kollha niknishom minn hawn. Naqbad gaffa u nixkanahom wieħed wieħed. U l-airport bil-gaffa noħodhom u l-ewwel ajruplan li nsib nibgħathom miegħu mqar l-infern, forsi anki x-xitan idejquh u jibgħathom 'il barra wkoll. Min ġabhom 'l hawn? Aqqas toħroġ naqra ma tista' għax iwerwruk. Mhux lili ta, lili ma jwerwrunix. Imma lill-mara jwerwruha. Allaħares naqbad lil xi wieħed iħarisli lejha għax nagħmel show bih.

Imbagħad idur lejn Noelene, oħti, u jkompli:

Ara tkun fuq tal-linja jew ġejja hawn u jkun hemm xi ħarraj minnhom iħares lejk qis li tgħidli fhimt? Ħa nkissirlu għadmu waħda waħda.

U jien inħares lejn Noelene u hi tħares lejja u ma tiftaħx ħalqha imma nifhimha xorta waħda.

U int ukoll, Svetlana, fhimt? Ara jekk ikun hemm xi ħadd minn dawn iħares lejk, mhux ikellmek ta qed ngħidlek, iħares lejk, qis li tgħidli mill-ewwel.

("In-nies ta' maċ-ċint")

### It-tieni silta:

Dik li kienet il-party taqla' l-bajd ma' ġisimha kollu, tas-swat dik il-mara. Sakemm kienet għadha wiċċha mal-ħajt ma tefax bajda waħda. Qagħad jistennieha ddur u, kif daret, mill-ewwel gara l-bajda li kienet saħnet f'idu u garaha b'kemm saħħa kellu u ħadha bejn għajnejha. U mbagħad gara oħra u oħra, għal wiċċha. Kollha daqqiet li ried jagħti lil Doriana u ma setax għax ma kienx għadu jaraha. Mhux ta' b'xejn bdiet tibki dik tal-bajd, dawk id-daqqiet kollha li bdiet taqla' fuq wiċċha! Spalltu qalagħha daqskemm gara u gara bis-saħħa.

("Wieħed raġel")

### It-tielet silta:

Reġgħet ġiet quddiem għajnejh dik li rmew kunsinna bajd fuqha. Aktarx li bdiet tibki. Issa billi? Dik għalhekk qiegħda. Wara kollox ħallasnieha. Anki tiekol tawha għax rajtha tibla'. Jien l-imgħallem ma jtinix niekol. Itini l-paga u

> daqshekk. Anzi xi skoss kliem ħażin itini mal-paga. Hekk hi l-affari. Bħal dawk it-tiġieġ tal-batterija li noqgħod inħares lejhom kuljum: twieldu biex imutu. Anki aħna twilidna biex immutu – kull ħaġa li tgħix trid tmut, imma dawk it-tiġieġ twieldu għall-qatla. Huma jitwieldu u aħna nikluhom u niffuxxnaw. U dik tal-bajd, l-aqwa li tħallset u aħna ħadna siegħa gost. Siegħa, insomma, nofs siegħa kollox imma f'dik in-nofs siegħa kemm Alla ħalaq bajd dawn l-aħħar jumejn kollu spiċċa fuqha. Bħal dak li daħħlu jaħdem magħna dan l-aħħar. Lanqas inħallsu kieku jien; tih xi ħaġa ħa jżomm fuq saqajh u jaħdem u jitbagħal u ejja ħa mmorru. Meta rajtu l-ewwel darba dieħel għax-xogħol kont se nobżoqlu. U kif rani ġie jeħodli b'idejja l-fidil. Itlaq 'l hemm ja ħmieġa! Għalhekk suwed għax miksijin ħmieġ.
>
> ("Wieħed raġel")

Ħalli nibda bi ftit ħsibijiet ġenerali qabel ngħaddi għar-riflessjonijiet li dawn is-siltiet setgħu qanqlu fina lkoll. Fil-grupp ta' teoriji msejħin Queer, il-Queer jirreferi għal dak kollu li jitbiegħed minn kulma jitqies normali, dominanti u leġittimu, u hija l-missjoni ta' dan il-qasam akkademiku u l-metodoloġija li jnebbaħ sabiex jixħtu dawl fuq kif dawn l-hekk imsejħin "normalitajiet" jibqgħu jinżammu tant riġidi u b'saħħithom. It-teorizzazzjoni Queer tgħidilna li ċerti kategoriji tal-ġeneru, klassi soċjali, sesswalità, etniċità u razza jibqgħu jitqiesu naturali u dominanti minħabba konfigurazzjonijiet partikolari tagħhom li konsistentement jiġu ripetuti filwaqt li oħrajn jitqiesu inaċċettabbli u perversi.

Iċ-ċittadinanza, bl-aspetti politiċi, ċivili u soċjali li jiffurmawha, ukoll hija mibnija fuq dan it-tip ta' esklużjoni. Fi żminijiet differenti din l-esklużjoni taħdem b'modi diversi, fis-sens li hija marbuta ma' kuntesti soċjokulturali partikolari, u dan nistgħu ngħixuh ukoll permezz tal-letteratura. Pereżempju, aħna u naqraw *15-il Numru* ta' Trevor Żahra u *Il-Gidba* ta' Oliver Friggieri, nintebħu li persuni b'ġibdiet fiżiċi lejn individwi tal-istess sess/ġeneru u oħrajn eterosesswali li riedu jinħallu mir-rabta taż-żwieġ, rispettivament, kienu jgħixu fid-dell ta' ċittadinanza dominanti ("tajba") għax ma kinux isaħħu l-pedamenti eteronormattivi (sesswali u morali) li kienet mibnija fuqhom. L-umiljazzjoni pubblika ma tonqosx, bħal fil-każ ta' Alfred fi *15-il Numru*: "Int u għaddej mit-triq, l-għajnejn jibdew jimxu warajk u jiddieħku bik "donnok kont mostru b'żewġt irjus jew immankat bla saqajn" (p. 127). L-isterjotipi u d-diskriminazzjoni jippersistu anki llum, iżda persuni bħal dawn il-karattri għandhom aktar drittijiet. Dan ifisser li n-nozzjoni taċ-ċittadinanza – jew taċ-ċittadini tajbin – twessgħet, però xorta tibqa' topera permezz tal-esklużjoni ta' Oħrajn. Għaldaqstant, l-istudjużi Queer huma impenjati politikament biex jikxfu l-artifiċjalità taċ-ċittadinanza. L-awtriċi ta' *Crossing Borders and Queering Citizenship* hija tal-fehma li aħna bħala qarrejja nistgħu nipparteċipaw f'dan l-eżerċizzju u ninstigaw il-bidla politika.

Fil-fatt, Feghali tinseġ it-teorizzazzjoni Queer, l-istudji dwar iċ-ċittadinanza u t-teorija tar-rispons tal-qarrejja. Aħna l-qarrejja għandna rwol attiv, mhux biss għaliex nagħtu tifsira lit-test aħna u naqrawh, imma għaliex ninbnew aħna wkoll fil-mument tal-qari. Dan ifisser li l-identifikazzjonijiet tagħna jistgħu jiġu modifikati waqt il-qari. Niftakru li l-identità u l-identifikazzjoni fil-qasam Queer huma relattivi; fi kliem ieħor, dejjem irid ikun hemm identifikazzjonijiet oħrajn biex il-mod kif nidentifika jiena jagħmel sens. Barra minn hekk, filwaqt li nidentifikaw ma' kategorija partikolari, nistgħu nitbiegħdu minn xi karatteristika f'dik il-kategorija. Dan it-tbegħid – li Feghali tiddeskrivih bit-terminu 'disidentifikazzjoni' – huwa propju dak li jipproblematizza l-kategoriji għax jikxef id-diversità fi ħdanhom.

Allura, il-mistoqsija hija: il-qari fiex jidħol? Aħna u naqraw se niltaqgħu ma' karattri li jidentifikaw bħalna, imma bħala qarrejja għandna l-possibbiltà – is-setgħa, id-dmir – li nitbiegħdu mill-elementi ta' identità partikolari li jisfruttaw, jemarġinaw jew ixejnu individwi oħrajn. Inħoss li l-qawwa politika ta' *L-Aqwa Żmien*, f'din il-vena ta' ħsieb, tinsab f'kemm iwassalni biex niskomoda ruħi bil-ħoss tal-frażi "Jiena ċittadin Malti," li tittaqqal u titkerrah bl-aġir ta' numru ta' karattri fin-novelli. Il-ktieb *Crossing Borders and Queering Citizenship* wasal f'idejja ħafna wara li qrajt in-novelli ta' Mifsud, imma issa nifhem li dak li ħassejt meta qrajtu huwa sintomu ta' qari b'impenn ċiviku ta' kitba li – għax hi wkoll impenjata b'dan il-mod – tagħraf il-qawwa normattiva u fl-istess ħin il-fraġilità tad-diskorsi ta' madwarna. Il-binarju ta' aħna/huma – li jinkorpora oħrajn bħal Maltin/barranin, bojod/suwed, raġel/mara – huwa mifrux fuq il-paġni tan-novelli ta' Mifsud li jirrakkonta (u jikkummenta dwar) ċittadinanza Maltija li jiena, bħala qarrej-ċittadin, kelli niddistakka ruħi minnha. Il-kitba ta' Mifsud simultanjament tippermettili u titlobni nitbiegħed minn dak li ġejt mgħallem insejjaħ lili nnifsi, u nistaqsi, fost mistoqsijiet oħrajn:

(1) Insejjaħ lili nnifsi ċittadin Malti meta l-atti kriminali tiegħi kapaċi jitgħattew (jew ngħattihom) filwaqt li nixħet it-tikketta tal-kriminalità fuq grupp sħiħ ta' nies abbażi tal-fatt li l-kulur tal-ġilda tagħhom huwa differenti minn tiegħi? U meta naħlef li "nagħmel show bih" jekk wieħed minnhom imiss lil marti jew lil binti (*In-nies ta' maċ-ċint*, p. 29)? Insejjaħ lili nnifsi ċittadin Malti meta jkolli mibegħda irrazzjonali għal ħaddieħor, sempliċement għax huwa differenti minni?

(2) Insejjaħ lili nnifsi raġel Malti meta nxejjen id-dinjità ta' persuna oħra għaliex hi mara, u allura nista' nieħu l-gost pervers li nwaddbilha l-bajd u nweġġagħha kemm niflaħ, jew infaqqgħalha daqqtejn għax temmet relazzjoni miegħi? Jew meta nżanżan arma tan-nar li tant għandi bokka biha fuq żewġt irġiel biex narahom "jiġru bil-pipì ma' saqajhom" (*Wieħed raġel*, p. 114) għax mhumiex bojod bħali?

(3) Insejjaħ lili nnifsi ċittadin Malti meta nħaddem persuna vulnerabbli bi ftit flus għax m'għandhiex mod ieħor kif taqla' l-għejxien tagħha? U f'xogħol li ma jista' qatt iġib miegħu xi benefiċċju soċjali għax min jagħmlu huwa legalment inviżibbli f'termini ta' impjieg?

Dawn huma biss ftit mill-mistoqsijiet li jabitaw l-ispazju skomdu li joffri *L-Aqwa Żmien* biex aħna l-qarrejja nikkwirjaw iċ-ċittadinanza Maltija u ntellgħu fil-wiċċ il-mekkaniżmi mgħottija li jżommuha topera fi żminijiet partikolari differenti. Intom li lkoll taqraw b'impenn, probabbilment staqsejtu mistoqsijiet oħrajn u ddubitajtu mill-kunċett taċ-ċittadinanza Maltija b'modi differenti jiena u naqra s-siltiet min-novelli. Proża bħal ta' Mifsud għandha ddejjaqna – tniggiżna – waqt il-qari attiv, li jista' jkun l-ewwel pass aħna u nistħarrġu min qed jiġi eskluż biex iċ-ċittadinanza (Maltija) timmaterjalizza ruħha.

### Biblijografija

Feghali, Zalfa. *Crossing Borders and Queering Citizenship*. Manchester University Press, 2019.

Friggieri, Oliver. *Il-Gidba*, 3et ed. PEG, 1994.

Mifsud, Immanuel. *L-Aqwa Żmien*. Klabb Kotba Maltin, 2019.

Żahra, Trevor. *15-il Numru*. Merlin Library Ltd, 1977.